MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Numru. 734/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**ALEXANDRA FALZON SCERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alexandra Falzon Scerri ta' 53 sena, mart Norman, bin Emanuel Ellul u Rita nee' Cremona, mwielda Marsa fit- 18 ta' Marzu 1959, residenti 46, St. Rita, Triq Balbi, Marsa u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 210559M;

Talli ;

1) F' April 2010 u fis- snin immedjatament precedenti f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, fil-kapacita’ taghha, bhala Direttrici tas- socjetajiet Waste Control Services Ltd u Modern Plastics Container Ltd, approprajt ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ ma halsitx lid- Dipartiment tal- VAT is- somma totali ta’ €398,663.31;

2) Aktar talli saret recidiva b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati Malta datati 7 ta’ Ottubru 2004 u 22 ta’ Dicembru 2006 rispettivament liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputata hija direttrici tal-kumpanniji indikati fit-tahrika, u ilha hekk appuntata sa mis-sena 1997, meta kien gie nieqes missierha u kompliet tmexxi l-kumpanniji hi flimkien ma’ huha Mario Ellul. Fl-2002, miet huha ukoll, u ghalhekk l-imputata baqghet tmexxi z-zewg kumpanniji wehidha. Tul it-tmexxija taghha, il-kumpanniji tellghu dejn konsiderevoli mad-Dipartiment tal-VAT, izda kif xehdu u kkonfermaw ir-rappresentanti tal-istess dipartiment, hafna mil-bilanc illum huwa mhallas.

Il-Prosekuzzjoni esebiet diversi dokumenti f’din il-kawza, u kollha jindikaw lill-imputata bhala l-persuna responsabbli ghaz-zewg kumpanniji msemmija. Fl-istqarrija taghha, hi ukoll tammetti li ghandha xi thallas lid-dipartiment. Fil-verita’ mill-provi prodotti miz-zewg nahat, ma hemm ebda kontestazzjoni fuq ebda fatt. Il-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha ben oltre d-dubju dettat mir-raguni. Di fatti, hija

l-imputata stess li accettat li kellha thallas l-ammonti mitluba mid-Dipartiment.

Din il-Qorti ghalhekk rat li l-punt kollu tal-kawza kien semplicement li l-imputata tinghata ftit zmien aktar biex tkompli thallas. Tul il-mori tal-kawza, l-imputata rnexxielha taqta’ hafna mil-bilanc kollu dovut fuq dawn iz-zewg kumpanniji. Hi spjegat fix-xiehda taghha li kienet sabet ruhha qed tmexxi l-kumpanniji tal-familja taghha wara li kienu mietu missierha w huha f’temp ta’ erba’ snin minn xulxin, u l-kumpanniji diga’ kellhom djun konsiderevoli meta hadet it-tmexxija taghhom.

Kwantu ghall-htija kriminali, is-semplici fatt li persuna hi direttur ta’ kumpannija tqieghed fuqha responsabbilitajiet kbar, li jistghu jgibu maghhom anke konsegwenzi penali, kif fil-fatt gara f’dan il-kaz. Huwa evidenti ferm li l-imputata ma kellha ebda mens rea li ddawwar fi profitt ghaliha s-somma dovuta bhala taxxa lid-Dipartiment tal-VAT, izda kienet giet meghluba mis-sitwazzjoni prekarja ghall-ahhar tan-negozju tal-familja taghha. Hi ghamlet minn kollox biex il-kumpanniji jibqghu joperaw, izda minhabba f’hekk kellha tonqos milli thallas it-taxxa dovuta. Dan xorta jammonta ghar-reat indikat, izda l-Qorti taghraf li kien aktar risultat ta’ necessita’ jew addirittura ta’ impossibilita’ minn hag’ohra. Dan jixhdu wkoll il-fatt li parti sostanzjali mill-bilanc dovut originarjament gie mhallas qabel ma nbdew dawn il-proceduri, u l-hlas baqa’ jsir waqt il-mori tal-kaz.

Ghalhekk, ghall-finijiet ta’ piena, il-Qorti ma thossx li ghandha tapplika l-estremi tal-prigunerija f’dan il-kaz. Kif gia’ inghad hawn fuq, l-imputata ma naqsetx mill-hlas tat-taxxa dovuta b’animu ta’ lukru, izda ghax sabet ruhha f’sitwazzjoni iebsa ghall-ahhar wara li mietu kemm missierha kif ukoll huha. Hi ghazlet li tkompli tiehu hsieb in-negozju minnflok ma qabdet u ghalqet ix-xoghol u tkecci l-haddiema, u thallas id-dejn akkumulat sa dik id-data, proprju sabiex tissoddisfa l-obbligi kollha tal-kumpannija, haga li, izda, ma setghetx taghmel fi zmien qasir. Bl-addebitu tar-recidiva, li giet ippruvata, il-Qorti l-anqas ma tista’ taghti piena ta’ prigunerija sospiza. L-

unika triq li fadal ghall-Qorti hi dik li tapplika sanzjoni fil-komunita', ai termini tal-Kap 446. Huwa minnu li tali provvediment jista' jidher ferm legger in vista tal-imputazzjonijiet, izda ghalhekk il-Qorti ghandha l-fakulta' li tqis il-piena adatta ghal kull kaz fuq il-merti ta' kull kaz, u ghandha d-diskrezzjoni tapplika l-piena skond ma jirrisultalha f'kull kaz.

F'din il-kawza, il-Qorti rat li l-imputata qed thallas regolarment il-bilanc dovut minnha, u ghamlet sforz konsiderevoli biex baqghet taghmel dan, u ghalhekk ma tarax il-htiega li bil-piena taghha tkisser il-possibilita' li l-imputata tibqa' thallas il-bilanc dovut minnha u b'hekk tkun hallset ghas-saldu t-taxxa dovuta lid-Dipartiment.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 18, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------